



Brussell, 5 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15184/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0156 (NLE)

NT 10
AGRI 665

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
fi:	10 ta' Novembru 2017
Nru dok. Cion:	11275/17
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli

1. Fil-11 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għad-deċiżjoni msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Novembru 2017, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE kkonkluda l-eżami tal-proposta tal-Kummissjoni. Instab li:
 - sitta u għoxrin delegazzjoni setgħu jaqblu mal-proposta tal-Kummissjoni;
 - żewġ delegazzjonijiet żammew riżerva.

3. Għalhekk il-Kunsill huwa mistieden, soġġett għall-konferma mill-Coreper, biex:

- jadotta permezz ta' maġġoranza kwalifikata, bid-delegazzjoni ta' Ċipru u d-delegazzjoni tal-Greċja jivvutaw kontra, id-Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli, kif tinsab fid-dokument 14375/2017, imħejji mill-ġuristi-lingwisti;
- jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif ukoll tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija wara l-adozzjoni tagħha, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
